Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1126/2000/1

**Joseph Catania, Richard u Doris Cannataci**

**Vs**

**Andre Pio Catania**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Peress illi fl-14 ta' Frar 2000 miet Anthony Catania li jigi missier il-konvenut u hu l-atturi Joseph Catania u Doris Cannataci;

Peress illi permezz ta’ testment fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tal-15 ta’ Mejju 1998 (anness Dok. ‘’JC1’’) l-atturi thallew legat ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) kull wiehed;

Peress illi l-esponenti nterpellaw lill-konvenut sabiex huwa jimmittihom fil-pussess ta’ dan il-legat izda dan qieghed jirrifjuta;

Peress illi qabel l-imsemmi decujus miet huwa ha hsieb halla fil-pussess ta’ l-atturi c-cwievet tal-fond ‘’Chiquita’’ Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, tal-garage 86, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar u Security Box fil-Bank of Valletta plc, Balluta bl-oggetti li hemm jew jista’ jkun hemm fihom.

Peress illi fuq dan kollu l-esponenti ma sabux il-koperazzjoni tal-konvenut billi ghalkemm kif fuq espost debitament interpellat ghall-hlas u l-immisjoni fil-pussess dan baqa’ inadempjenti u minflok qieghed jinsisti li jigi lilu konsinjat kollox minghajr ebda irbit da parti tieghu u ghalhekk kien hemm bzonn illi ssir din il-kawza;

Jghid il-konvenut ghaliex

1. M’ghandux jigi dikjarat u deciz li l-atturi huma ntitolati ghas-somma ta’ hamest elef lira kull wiehed ai termini ta’ l-artikolu tnejn ta’ l-ahhar testment ta’ l-imsemmi Anthony Catania fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tal-15 ta’ Mejju 1998;

2. M’ghandux konsegwentement jigi kkundannat ihallas lil l-atturi kull wiehed minnhom s-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali u l-konvenut huwa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol.3 tal-process.

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol.18 tal-process fejn ecepixxa:

1. Illi l-atturi ghandhom f'idejhom somom sostanzjali ta' flus appartenenti l-wirt imholli minn missier il-konvenut lil l-istess konvenut u ghalhekk hemm lok li tavvera ruhha tpacija.

2. Illi gia hemm kawza pendenti quddiem din il-Qorti bejn il-partijiet fl-ismijiet inversi (citazzjoni numru 1612/00GV) dwar il-wirt appartenenti lill-konvenut li jinsab f'idejn l-atturi u ghalhekk hemm lok li ssir ordni tal-konnessjoni tal-kawzi a skans ta' ripetizzjoni ta' xhieda.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rikors a fol 9;

Rat il-verbal a fol 129;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dina l-kawza instemghet kontestwalment mal-kawza l-ohra quddiem dina l-Qorti fl-ismijiet inversi (citazzjoni numru 1612/00GV) dwar il-wirt appartenenti lill-konvenut li jinsab f'idejn l-atturi u x-xhieda li nghatat kellha tghodd ghaz-zewg kawzi.

Illi l-kawza 1612/00 giet deciza llum u ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni ta' dak li nghad f'dik il-kawza din l-Qorti qed taghmel riferenza ghaliha u ghall konsiderazzjonijet hemmhekk maghmula li ghalhekk ghandhom japplikaw ukoll ghall dina l-kawza u jifformaw parti minn dina s-sentenza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi

Prevja li tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut
Tichad it-talba attrici
Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------